23 ta' Mejju, 1947.
Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt. M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmela Catrò *versus* Arturo Grech et.

**Azzjoni — Interess — Retratt — Permuta — Simulazzjoni — "Jus Superveniens".**

*Huwa paċifiku fid-duttrina u fil-ġurisprudenza illi l-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġà twieled u jrid ikun attwali sabiex jiġġustifika l-azzjoni.*

*Għalhekk min jippretendi li għandu dritt jirkupra fond li ġie permutat ma jistax jattakka dik il-permuta bħala simulata u preġudizzjevoli għad-dritt tiegħu ta' l-irkupru, jekk huwa ma jkunx ġà irradika dak id-dritt tiegħu bl-eżerċizzju effettiv ta' l-irkupru.*

*Dawn il-prinċipji ġew applikati f'dan il-każ mill-Ewwel Qorti, u l-Qorti ta' l-Appell qablet magħhom. Imma billi wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, li kienet illiberat "ab observantia", ġiet preżentata ċ-ċedola ta' l-irkupru, il-Qorti ta' l-Appell żammet li ma setax aktar jingħad li l-attriċi ma kellhiex interess tagħmel l-azzjoni biex tiġi dikjarata simulata l-permuta; u fuq dan il-motiv biss, u bissaħħa tal-"Jus Superveniens", il-Qorti ta' l-Appell irrevokat l-ewwel sentenza u rrinvijat l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawża tiġi trattata u deċiża fil-meritu.*

Il-Qorti—Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestá tar-Re, fejn l-attriċi, wara li qalet li b'kuntratt għand in-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon tat-28 ta' Marzu 1946 (dok. A) il-konvenut Grech assenja b'titolu ta' permuta lill-konvenut Sammut parti minn ħames mija u għoxrin (1/520) mhix maqsuma mill-utili dominju perpetwu taddar Valley Road, ġà Strada Vallone, nru. 93, Birkirkara, soġġetta kollha għal £3 fis-sena rata ta' ċens perpetwu akbar, u bħala korrispettiv il-konvenut Sammut assenja bl-istess titolu ta' permuta lill-konvenut Grech parti waħda minn mitejn u

sittax (1/216) mhix maqsuma mid-dar Curate Calleja Street, nri. 43 u 44, Mosta, soġġetta kollha għal piż perpetwu ta' quddies ta' 8s. fis-sena u għall-użufrutt ta' Caterina Sammut, omm il-konvenut Edoardo Sammut, u ġie mill-konvenuti dikjarat fl-atti li kull waħda mill-imsemmijin porzjonijiet għandha valur ta' £5; u li dina l-permuta hija simulata u saret biex il-konvenut Sammut ma jsofrix l-irkupru tad-dar fuq indikata, li ġiet imbagħad lilu, kwantu għal 419/520 trasferita b'kuntratt ieħor għand in-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon fis-17 ta' April 1946 (dok. B); u li l-intenzjoni tal-partijiet qatt ma kienet li jsir l-imsemmi partit, iżda bejgħ u enfitewsi, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li l-attriċi għandha dritt li tirkupra l-imsemmija dar Valley Road, nru. 93, Birkirkara, peress li hija tipposjedi l-fond nru. 41, ġa nru. 42, Strada Carmine, Birkirkara, li huwa sottopost għall-imsemmi fond trasferit mill-imsemmi Sammut, u suġġett għal 8s. 6d. ċens lejn l-istess padrun dirett tad-dar fuq imsemmija (dok. C); u billi b'dan il-mod l-attriċi għandha d-dritt tal-preferenza u ta' l-irkupru fuq il-fond fuq riferit; talbet li jiġi dikjarat u deċiż li l-permuta li saret bejn il-konvenuti tiġi dikjarata simulata u fittizja, u fil-fatt tikkostitwixxi trasferiment b'titolu ta' bejgħ. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fid-29 ta' Jannar 1947, li biha l-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attriċi; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi huwa paċifiku fid-dottrina u l-ġurisprudenza illi l-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni illi huwa jeżerċita jew jipproponi hija inkapaċi li tipproduċi riżultament għalih vantaġġjuż u li sservi għal skop utili, l-istess ma tistax tiġi protetta l-għaliex il-kwistjoni proposta, li fil-prattika ma jkollhiex riżultat utili, ma tkunx ħlief kwistjoni merament akkademika. F'dan is-sens inħolqu l-assjomi forensi "l'interesse è la misura delle azioni" u "point d'interet point d'action";

Illi lanqas ma huwa ożjuż li jingħad illi ma għandhiex tiġi konfuża l-eventwalità tad-dritt ma' l-eventwalità ta' l-interess, għaliex huwa aċċertat li l-eventwalità tad-dritt tista' tagħti "motus" lill-azzjoni jekk l-interess ikun attwali, mentri d-dritt attwali ma jistax jagħti lok għall-azzjoni jekk l-interess ikun biss eventwali. L-interess irid ikun twieled u attwali, sabiex jiġġustifika l-azzjoni;

Illi huwa anki paċifiku li d-dritt ta' l-irkupru fl-eżerċizzju tiegħu jirriżolvi l-kuntratt tal-bejgħ li jkun ta lok għall-eżerċizzju ta' dak id-dritt, fis-sens tad-Dritt Ruman tal-"Jus" li huwa "ars boni et aequi" (ara Celsus, L. 1, de justitia et jure);

Illi kwindi jekk bl-operazzjoni tal-permuta li l-attriċi tgħid u tippretendi li hija simulata, ġie attakkat il-"jus" ta' l-attriċi fl-eżerċizzju tiegħu, huwa diffiċili tgħid kif huwa utili għaliha tattakka dik il-permuta bla ma rradikat id-dritt jew, biex ngħidulu hekk figurativament, dik il-parti wkoll tad-dritt tagħha attakkata. Huwa minnu illi l-ġjus u l-eżerċizzju ta' dak l-istess ġjus huma "per sè" inxindibili, kif huwa minnu li jista' jkun hemm dritt li l-eżerċizzju tiegħu jkun sospiż jew minħabba f'kondizzjoni jew minħabba f'terminu. Fil-każ ta' l-attriċi però huwa aċċertat li d-dritt tagħha "de quo dicimus" huwa sħiħ, tant bħala "jus" kemm bħala li tista' teżerċitah, salv, s'intendi, li fil-ġudizzju "di merito" jiġi dikjarat validu;

Illi jekk id-dritt li l-attriċi qegħdin nippresupponu li għandha ma jiġix eżerċitat, allura ma hemmx riżoluzzjoni tal-bejgħ li taħt il-forma ta' permuta l-konvenuti ppruvaw jiskartaw "gratia argumenti" simulativament; u la ma hemmx retratt m'hemmx utilità li jiġi dikjarat li dik il-permuta hija simulata;

Illi jista' jingħad li l-attriċi fl-att taċ-ċitazzjoni odjerna rriżervat kwalunkwe dritt ieħor li għandha; imma, apparti li riżervi ma jagħtux drittijiet, huwa leċitu li jiġi kunsidrat li la darba l-eżerċizzju tad-dritt li għandha l-attriċi huwa mħolli interament u liberament fid-diskrezzjoni tagħha, jista' jagħti l-każ li, wara li tottjeni d-dikjarazzjoni mitluba, hija fil-fatt

imbagħad, għal raġunijiet li jistgħu jinteressaw lilha biss, ma teżerċitahiex, u allura l-inutilità tad-dikjarazzjoni tkun aktar u aktar evidenti;

Illi mhux argument li tgħid li l-attriċi, kieku ma kellhiex l-intenzjoni tirrendi operativ id-dritt tagħha, ma kienetx sejra tagħmel din il-kawża; għaliex, u hawn jingħad in teżi ġenerali u mhux dwar l-attriċi odjerna u partikulari, hija tista', jew attur ieħor fl-istess ċirkustanzi ta' l-attriċi jkun jista', ikollu biss il-fehma li jipprova jispekula fuq iċ-ċirkustanza illi persuni oħra jkunu jinstabu fil-pożizzjoni tal-konvenuti billi jottjeni d-dikjarazzjoni bla ma jeżerċita d-dritt; u barra minn dana, bejn l-intenzjoni ta' l-eżerċizzju u l-istess eżerċizzju effettiv tad-dritt hemm, ma hemmx bżonn ngħidu, differenza markata u indiskutibili;

Illi d-dikjarazzjoni kwindi li qiegħda titlob l-attriċi ma għandhiex obbjett materjali, u d-deċiżjoni mitluba tkun ineffikaċi;

Illi jingħad bħala argument li jitnissel mill-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati, illi fil-każi bħal dana in ispeċje l-atturi jew il-promuturi ta' l-azzjoni dejjem ippremettew għat-talba tas-simulazzjoni tal-permuta mitluba d-dikjarazzjoni tal-validità tar-retratt minnhom eżerċitat, dak li juri qabel xejn li jrid jiġi radikat skond il-liġi d-dritt sabiex ikun hemm ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ taħt forma ta' permuta simulata (ara Kollezzjoni Vol. III, pag. 599, "Giuseppe Saliba vs. Paolo Mangion", Appell 15 ta' Ġunju 1866; Vol. XI, pag. 63, "Maria Teresa vedova Mifsud vs. Giovanni Farrugia ed altri", Appell 26 ta' Marzu 1886; Vol. XXV, P.I, pag. 578 fil-Prim'Awla u l-istess Volum P. II, pag. 146, "Valentino Tonna Barthet vs. Prof. Enrico Meli" rispettivament tat-8 ta' Ġunju 1922 u tal-11 ta' Ġunju 1923; Vol. XXVI. P. I, pag. 160, "Giuseppe Calleja vs. Negte. Giuseppe Xuereb", Appell 1 ta' Ġunju 1925; Vol. XXVII, P. II, pag. 64 "Giovanni Spiteri vs. Antonio Borg et.", Prim'Awla 30 ta' April 1928; Vol. XXVII, P. II, pag. 148 "Giuseppe Cassar vs. Giorgio Casha et." Prim'Awla 2 ta' Awissu 1928);

Illi fil-kawża Prim'Awla Ċivili 23 ta' Frar 1921, in re

"Giovanna Grima vs. Gio Maria Fenech et." (Kollez. Vol. XXIV—II—484), ċitata mill-konvenuti, f'każ simili għal dana ntqal, fuq il-prinċipju tan-nuqqas ta' obbjett materjali fid-dikjarazzjonijiet ġudizzjarji, li l-qtugħ tagħhom ma jkunx jista' jiġi eżegwit — "Pertanto all'avente diritto a retratto non è permesso attaccare di simulazione l'apparente prezzo di vendita, se non dopo d'aver effettivamente retratto l'immobile venduto" (ara sentenzi hemm ċitati);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li l-kawża tiġi mibgħuta lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-appellanti qiegħda teżerċita dina l-azzjoni billi tippretendi li bil-permuta, li rigward tagħha qiegħda titlob id-dikjarazzjoni li hija simulata u fittizja, hija ġiet preġudikata fid-dritt tagħha għall-irkupru tal-fond fl-istess ċitazzjoni msemmi. L-ewwel eċċezzjoni li l-appellati ressqu kontra dik it-talba hija li, billi l-appellanti kienet għadha ma eżerċitatx id-dritt ta' l-irkupru minnha pretiż, jonqos l-interess meħtieġ għall-propożizzjoni ta' dina l-azzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi huwa magħruf li kwalunkwe azzjoni tippresupponi da parti ta' min jeżerċitaha dritt li biha jkun irid jikkonserva u jħares; u huwa wkoll paċifiku li għall-eżerċizzju ta' kwalunkwe azzjoni huwa meħtieġ li min jeżerċitaha jkollu interess, billi dana l-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni eżerċitata. Biex jista' jingħad li hemm dak l-interess hemm bżonn li jkun attwali, jiġifieri li jkun jeżisti fil-mument li l-azzjoni tiġi miġjuba 'l quddiem;

Ikkunsidrat;

Illi la darba, kif ingħad fuq, l-azzjoni għandha bħala skop li tikkonserva u tħares dritt, dan id-dritt, li jista' jkun eventwali u anki "a termine", għandu jkun jeżisti fil-waqt ta' l-eżerċizzju ta' l-azzjoni li hija ntiża biex tħarsu;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in eżami t-talba miġjuba biċ-ċitazzjoni għandha bħala presuppost id-dritt ta' l-irkupru pretiż mill-appellanti, iżda dak id-dritt kien għadu mhux radikat meta dina l-azzjoni ġiet proposta. U kif sostniet din il-Qorti bis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 1931 in re "Holland vs. Onor. Benjacar nomine" (Kollez. Vol. XXVIII—I—104), "l'utilità involuta nell'interesse che dia causa e moto all'azione e la giustifichi, non può raggiungere la sua concretazione nella persona dell'attore prima che si determini in essa l'esercibilità del diritto stesso". Dan iġib għall-konsegwenza li d-dritt pretiż mill-appellanti ma kienx għadu determinat meta hija eżerċitat l-azzjoni biex tittutelah, u għalhekk l-istess appellanti ma setax kellha interess għall-eżerċizzju ta' dik l-azzjoni; u għamlet sewwa l-Ewwel Qorti, anki għall-motivi minnha premessi, li huma adottati, meta lliberat lill-appellati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Illi wara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti l-appellanti ppreżentat iċ-ċedola ta' l-irkupru u b'hekk irradikat id-dritt tagħha pretiż fiċ-ċitazzjoni. In vista ta' dan, u bis-saħħa tal-prinċipju "jus superveniens firmat actionem vel exceptionem", ma jistax jingħad iżjed li l-appellanti ma għandhiex interess għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni preżenti, li għandha bħala skop li twaqqa' permuta li tippretendi falza u simulata, biex tħares id-dritt tagħha ta' l-irkupru u tlesti t-triq għall-kawża tar-rivendizzjoni. Għalhekk biss, għall-motiv tal-"jus superveniens" fuq imsemmi, hemm lok li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi revokata, u li l-kawża tiġi mibgħuta lill-istess Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fid-29 ta' Jannar 1947 in kwantu lliberat il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; u tordna li l-atti jiġu mibgħutin lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu. L-ispejjeż relativi għas-sentenza appellata u dawk ta' dina l-istanza jibqgħu a kariku ta'

l-attriċi appellanti. L-ispejjeż l-oħra jibqgħu riżervati lill-Ewwel Qorti.